MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 816/1989/1

**Tarcisio Cassar**

**Vs**

**Anthony Galdes bhala Gvernatur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank Centrali ta' Malta u b'nota tad-9 ta' Gunju 1999 Francis Vassallo assuma l-atti tal-kawza flok Anthony Galdes**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ppremetta illi:

Illi fid-19 ta' Ottubru 1987 l-attur ippjazza mal-Bank Centrali ta' Malta, ordni ghal xiri ta' fidda minn barra ghal liema ordni l-istess Bank ircieva konferma fil-21 ta' Ottubru 1987 minghand il-fornituri fl-Ingilterra, ditta Johnson Matthey PLC, illi l-fidda kienet mixtrija, Il-kwantita` tal-fidda u l-korrispondenti prezz taghha kull kilogram, inkluz l-ispejjes tal-manifattura, ippakkjar u n-nol gew in segwitu inkorporati fi ftehim bejn l-attur u l-Bank fit-12 ta' Novembru 1987 skond Contract Note Numru SB 99/87. L-attur infatti hallas il-prezz ta' disat elef disa` mija u tmenin lira Maltin tmienja u tmenin centezmi u disa` millezmi (Lm9980-88,9). Billi fit-22 ta' Ottubru 1987 l-imsemmija ditta estera fornitrici harget invoice ghall-₤Stg.15,361-42 relattiv ghall-105.309 kwantita` ta' kilos fidda moltiplikat bil-prezz ta' ₤145.87 per kilo, u skond ma qed jallega l-Bank, il-kont bankarju tieghu fl-Ingilterra gie addebitat b'dan l-ammont;

Peress illi l-ordni giet esegwita fi tliet partiti kif evidenzjat bl-Invoices emessis mid-ditta estera enumerati BI 31952/A, BI 30329/A u B1 32983/A minn fejn jirrizulta illi l-ammont komplessiv kien ilahhaq ₤Stg.14,873-53 u mhux ₤Stg.15,361-42,0. Inoltre minn dawn l-istess Invoices jirrizulta li t-total ta' bullion tal-fidda kien 101.732kgs. u mhux 105.309 kilogramm kif stabbilit fil-precitat ftehim tat-12 ta' Novembru 1987;

U peress illi inoltre wahda mis-sheets tal-fidda ricevuti ta' hxuna 3/32" giet maqsuma fi tnejn b'mod li l-attur ma setax jutilizzaha ghall-htigijiet tal-mestjier tieghu, u b'hekk sofra danni konsistenti fil-fatt illi huwa ma setax juzaha ghall-ordnijiet tal-klijenti tieghu;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut nomine il-ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-attur hallas in eccess tal-Invoice value tal-fidda minnu effettivament mixtrija;
2. Tiddikjara illi l-attur sofra danni bil-fatt li wahda mis-sheets tal-fidda kienet maqsuma fi tnejn u ghalhekk inutilizzabbli ghall-finijiet tax-xoghol tieghu;

3. Tikkundanna lill-konvenut nomine jirrifondu lura lill-attur dak l-ammont li thallas mill-istess attur in eccess tal-Invoice value;
4. Tillikwida, okkorrendo permezz ta’ perit nominand, dak l-ammont in linea ta’ danni li sofra l-attur minhabba l-fatt tas-sheet tal-fidda li giet maqsuma fi tnejn kif fuq indikat;
5. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont tad-danni hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-6 ta’ April, 1989 u tal-ittri legali tas-7 ta’ April, 1988, 11 ta’ Lulju, 1988, 1 ta’ Dicembru 1988, u 20 ta’ Gunju 1989 kontra l-konvenut nomine ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine** a fol. 14 tal-process fejn jeccepixxi:

Illi preliminrjament dina l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti biex tiehu konjizjoni ta’ din l-istanza.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-eccipjent adempixxa l-obbligi tieghu kollha kontrattwali skond it-termini tal-ftehim.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol 62 li bih gie nominat Dr.V.Borg Grech bhala perit;

Rat ir-rapport tieghu a fol 136;

Rat in-noti tal-partijiet;

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar l-inkompetenza ta’ dina l-Qorti giet deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ April 1991 (ara fol 51).

## Fatti u kontestazzjoni

F’dina l-kawza l-attur qed jikkontendi li hu hallas lill bank konvenut ghal ordni li kien ghamel ghal xiri ta’ fidda minn barra aktar milli fil fatt kienet tiswa l-fidda li kien ordna. Il-kwistjoni kollha, skond l-attur, hi li l-ammont fuq l-invoices li rcieva minn barra, hu differenti minn dak li kien hallas lill bank konvenut. Hu jsostni li kien hemm ftehim mal-bank li hu kellu jhallas skond l-invoices li jigu minn barra mal-fidda. Inoltre l-konsenja tal-fidda ma kinitx taqbel ma’ l-ordni li ghamel u bhala konsegwenza sofra danni.

Minn naha l-ohra l-bank konvenut isostni li l-attur la hallas in eccess tal-prezz tal-ordni u lanqas ma sofra danni.

## Relazzjoni perit legali

Il-Qorti kienet nominat perit legali biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Fir-rapport tieghu l-Perit (ara rapport a fol 139 et seq u specifikatament il-konkluzzjonijiet tieghu a fol 153/4) wasal ghall konkluzzjoni li t-talbiet ta’ l-attur m’ghandhomx jintlaqghu.

## Dwar hlas zejjed

Il-Perit nominat ikkonkluda li l-prezz tal-bullion kwotat minn Johnson Matthey fuq il-fatturi li akkompanjaw il-merkanzija huwa l-prezz tal-gurnata ta’ l-ispedizzjoni u mhux il-prezz reali li sewa l-bullion meta nxtara u l-attur ma jistax jippretendi li jhallas skond dawk il-fatturi. Dwar il-prezz l-iehor tal-manifattura u transport l-attur ma ghandu ebda ilment.

L-attur ma qabilx ma dina l-konkluzzjoni u sostna li l-hlas li hu kien kostrett li jaghmel kien wiehed eccessiv u l-fidda kellu jkollu piz ta’ 105.309 kgs u gew konsenjati minflok 101.732 kgs biss. Il-bank jikkontendi li l-prezz kien ta’ £S 15,361.42 mentri skond il-fatturi ta’ Johnson Matthey il-prezz gie dikjarat fl-ammont ta’ £S 14,873.53. L-attur jikkontendi li ma giet prezentata ebda ricevuta mill bank li hu fil-fatt hallas £S 15,361.42 kif qed jghid li ghamel.

Minn naha l-ohra l-konvenuti jsostni li l-ammont attwalment imhallas mill-Bank konvenut huwa l-ammont indikat fil-kont kif rivedut Dok A31 a fol 244 u b'hekk l-attur ghad baqghalu jhallas bilanc ta' Lm120.44. Il-fatturi mibghuta minn Johnson Matthey juru prezzijiet diversi, cjoe dawk prevalenti fiz-zmien meta giet mibghuta l-merkanzija mentri l-prezz kontrattwali mhux dak, izda il-prezz ta' meta giet mixtrija l-fidda. Il-prezzijiet indikati minn Johnson Matthey saru biss *'for customs purposes only'* u ghalhekk biss gew dikjarati bhala korretti.

**Tikkunsidra**

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit nominat fis-sens li l-ammont tal-fidda u l-prezz kif wkoll ir-rata tal-kambju cjoe il-prezz kontrattwali huwa dak meta giet mixtrija l-fidda u mhux meta giet spedita (Ara Sales Invoice A25 fol 227).

Mill-provi prodotti jirrizulta li kienet saret ordni mill-attur ghal xiri ta' fidda (Dok A22 a fol 18 u 78) fil 19 ta' Ottubru 1987. Dak in nhar stess il-bank konvenut kien baghat l-ordni barra. (Dok A23 a fol 79) lill Johnson Matthey. Dina l-ordni giet konfermata fil 21 ta' Ottubru 1987 (Dok A24 a fol 19 u 80) u gie fissat l-ammont tal-fidda, il-prezz u r-rata tal-kambju (Sales Invoice Dok A 25 fol 227 ). Kien sar ftehim provvisorju fil 12 ta' Novembru 1987 ( A28 fol 90) . L-attur hallas LM 9980.88.9 (fol 5,24 u 90) ghall dina l-konsenja. Il-kuntratt finali (ara fol 91) kien fl-ammont ta' LM 10101.33.3 li kien jinkludi l-ispejjez b'kollox. Imbaghad l-attur irceva fatturi minghand Johnson Matthey li kienu juru l-figura ta' £S 14,873.53 li qed jghid li hu l-ammont li proprjament kellu jhallas.

L-allegazzjoni ta' l-attur li hu kellu ftehim mal-bank konvenut li kellu jhallas skond l-invoices li jigu minn barra mal-fidda ma tirrizultax mill-provi. Ma giex pruvatt li Mr.Degabriele ghal bank kien accetta dina l-proposta, jekk qatt saret, li l-hlas kellu jsir kif qed jippretendi l-attur.

Jirrizulta invece li l-prezz kontrattwali kien dak miftiehem meta giet mixtrija l-fidda (Dok Y3 fol 80) u mhux meta giet mibghuta l-merkanzija. Il-fatturi li baghtu Johnson Matthey kienu jindikaw prezzijiet korrenti meta ntbghatet il-merkanzija u dana sar biss ghal skopijiet ta' Dwana.

Inoltre jirrizulta li effettivament il-bank hallas lill agenti tieghu barra l-ammont li huwa ccargja lill attur. Skond l-ittra mibghuta minn Johnson Matthey lill Midland Bank (bankiera tal-bank konvenut) l-ammont addebitat kien ta' £S 15361.42 (Dok Y6 a fol 83)..

Jigi rilevat li d-differenza bejn l-ammont ta' 101.732 kilos fl-istatement ta' Johnson Matthey Dok A 29 u 105.309 indikat fl-invoices originali tirrapprezenta ammont li ma giex utilizzat minn Johnson Matthey. Meta kien tlesta il-fidda biex jintbghat Johnson Matthey baghatu l-karti u wara sar ir-revised contract bl-ammont attwali li Johnson ikunu iccargjaw u li l-bank hallas. Dok A31 fol 244 f'dan il-kaz £S 15,361.42.

Dwar l-ammonti l-ohra li l-bank konvenut talab oltre l-prezz tal-fidda, cjoe ghall kummissjoni, manifattura, packing u freight u assikurazzjoni, ma jidhirx li l-attur kellu xi lment, u dana l-ammont jidher li huwa korrett.

**Dwar danni**

L-attur talab danni f'ammont mhux specifikat u dana billi qed jippretendi li sheet tal-fidda li kien ordna ma waslitx kif specifikat fl-ordni u cjoe giet maqsuma fi tnejn, bil-hsara u minhabba f'hekk hu sofra danni billi tilef ordni li kellu minghand ditta Germaniza li ghaliha kien ser jahdem dan il-fidda.

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti kkonkluda dwar dana l-punt li l-Bank konvenut ittrasmetta l-ordni ta' l-attur lill fornituri ezattament kif ghamilha l-attur u l-merkanzija giet kif rieda l-attur, hlief li wahda mill-pjanci giet f'bicctejn flok shiha. Dan in-nuqqas pero mhux attribwibbli lill bank konvenut li ma ghamel xejn bi pregudizzju ghall atturi.

Dwar dina l-konkluzzjoni l-attur issottometta li fl-ordni li ghamel ma kien hemm imkien li wahda mill-pjanci kellha tkun maqsuma fi tnejn. Inoltre l-bank konvenut ma ressaq l-ebda prova biex jiggustifika ghalfejn din il-pjanca giet maqsuma fi tnejn u ghalhekk il-bank hu responsabbili ghal atti tal-mandatarju tieghu cjoe ta' l-attur u ghad danni li dan sofra.

Il-bank konvenut isostni li meta l-attur irceva is-sheet maqsuma hu ma  ghamel ebda claim meta irtira l-konsenja ghalkemm kien jaf li din kienet assikurata.  Il-provi jeskludu li kien hemm hsara fit-trasport.  Dwar l-allegati danni li l-attur jghid li sofra ghax tilef xi ordni minn ditta Germaniza l-konvenuti jirritjenu li l-attur naqas li jipproduci evidenza ta' dan u strah fuq is-semplici allegazzjoni tieghu priva minn kull prova certa u reali kif trid il-ligi.

**Tikkunsdira**

Dwar dina t-talba ghal danni jirrizulta mill-provi li l-fidda giet accettata mill-attur u hadem biha u fl-ebda stadju ma giet rifjutata jew ritornata. Il-bank konvenut iddikjara li ma jirrizultalux li l-attur kien ikkuntattja lill xi hadd mill bank biex ighid li l-ordni ma waslitx shiha. Huma kien ippjazzaw l-ordni ta' l-attur kif dan kien ordna lilhom u cjoe sheets shah. Gie konfermat minn naha ta' Johnson Matthey li huma ma rcevewx ordni minghand il-bank konvenut biex xi pjanca tigi maqsuma fi tnejn. L-ittra Dok A 5 a fol 205 tikkonferma dana. Huma jghidu li *"we are unable to advise who ordered the 3/32 sheet to be cut in two parts".*

Minn dawn il-provi jirrizulta li l-fidda li waslet ma kinitx bil-hsara imma kien hemm pjanca maqsuma fi tnejn. Ghalkemm kienet hekk dina ma gietx rifjutata mill-attur u lanqas ma ressaq ilment u claim mal-bank konvenut biex dana jkun jista jaghmel claim mal-assikurazzjoni fil hin.

Ghalhekk il-bank konvenut m'ghandux jigi dikjarat responsabbili ghal ebda danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet ta’ l-attur
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------